

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Tipi Ta' Professjonijiet Legali](#) > [Belgium](#)

Tipi ta' professjonijiet legali

Il-kontenut ipprovdut
minn
Belġju

Belġju



Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn id-diversi professjonijiet legali fil-Belġju.

Professjonijiet legali — introduzzjoni

Din it-taqsimha tippreżenta xi informazzjoni relatata ma' professjonijiet legali bħal:

- I-uffiċċju tal-avukat ġenerali,
- imħallfin,
- avukati,
- nutara, u
- bailiffs.

L-uffiċċju tal-avukat ġenerali

Organizzazzjoni

L-uffiċċju tal-avukat ġenerali, jew l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku (*ministère public/openbaar ministerie*, magħruf ukoll bħala *parquet/parket*), li essenzjalment iressaq prosekuzzjonijiet (ara hawn taħt), jikkonsisti minn uffiċjali tal-liġi li huma maġistrali kkwalifikati (*magistrats/magistraten*), u li jwettqu d-dmirijiet tagħhom fil-qasam tal-ġurisdizzjoni tal-qorti partikolari li fiha huma bbażati.

Fi kwalunkwe distrett ġudizzjarju (*arrondissement judiciaire/gerechtelijk arrondissement*) l-uffiċjali li jirrappreżentaw l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali quddiem il-qorti tal-prim'istanza (*tribunal de première instance/rechtbank van eerste aanleg*), u bl-istess mod quddiem il-qorti tal-minorenni (*tribunal de la jeunesse/jeugdrechtbank*), li hija diviżjoni tal-qorti tal-prim'istanza, huma l-avukat ġenerali (*procureur du Roi/procureur des Konings*), id-deputat avukat ġenerali għoli (*premiers substitués/eerste substituten*) u d-deputat avukat ġenerali (*substitués/substituten*). Huma jaġixxu wkoll quddiem il-qorti jew il-qorti tal-pulizija (*tribunal de police/politierechtbank*) u l-qorti kummerċjali (*tribunal de commerce/handelsrechtbank*) taż-żona tal-ġurisdizzjoni tagħhom.

Quddiem it-tribunali tax-xogħol (*tribunaux de travail/arbeidsrechtbanken*) din il-funzjoni hija eżerċitata minn uffiċjal magħruf bħala l-awditur tax-xogħol (*auditeur du travail/arbeidsauditeur*), li bl-istess mod huwa assistit minn deputati u possibbilment minn deputati għolja. F'kawżi kriminali fl-isfera ta' kompetenza tagħhom dawn l-uffiċjali jaġixxu wkoll quddiem il-qorti kriminali (*tribunal correctionnel/correctionele rechtbank*), li hija diviżjoni tal-qorti tal-prim'istanza, jew il-qorti jew qorti tal-pulizija.

F'kull qorti tal-appell (*cour d'appel/hof van beroep*) u qorti tax-xogħol (*cour du travail/arbeidshof*), dan ir-rwol hu tal-avukat ġenerali prinċipali (*procureur-général/procureur-generaal*), li jidderieġi u jissorvelja l-uffiċjali tal-liġi tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali prinċipali fil-qorti tal-appell (*parquet général/parket-generaal*) u l-korp korrispondenti fil-qorti tax-xogħol (*auditorat général/arbeidsauditoraat-generaal*). F'qorti tal-appell l-avukat ġenerali prinċipali huwa assistit minn avukat ġenerali għoli (*premier avocat-général/eerste advocaat-generaal*), avukati ġenerali (*avocats-généraux/advocaten-generaal*), u deputat avukat ġenerali prinċipali (*substitués généraux/substituten-generaal*). F'qorti tax-xogħol l-avukat ġenerali prinċipali huwa bl-istess mod assistit minn avukat ġenerali għoli, avukati ġenerali, u deputat avukat ġenerali prinċipali.

Fil-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de cassation/Hof van cassatie*) il-funzjoni tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali titwettaq mill-Avukat Ġenerali Prinċipali fil-Qorti tal-Kassazzjoni, assistit minn avukat ġenerali għoli u avukati ġenerali. Għalkemm tintuża l-istess terminoloġija, il-funzjoni tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali hawnhekk hija pjuttost differenti. Il-Qorti tal-Kassazzjoni ma tiddeċidix fuq is-suġġett prinċipali tal-kawża, iżda tivverifika l-legalità u r-regolarità tal-proċedimenti.

L-uffiċċju tal-avukat ġenerali huwa indipendenti fit-tmexxija tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet f'kawżi individwali, suġġett biss għad-dritt tal-ministru responsabbli li jordna li tinbeda prosekuzzjoni u li joħroġu linji gwida vinkolanti dwar il-politika kriminali, inklużi linji gwida dwar l-investigazzjoni u l-politika ta' prosekuzzjoni.

Rwol u dmirijiet

L-uffiċċju tal-avukat ġenerali jwettaq għadd ta' kompiti u dmirijiet. Ix-xogħol tiegħu jikkonsisti f'kawżi u segwitu kemm f'kawżi kriminali kif ukoll f'kawżi ċivili.

- Fi kwistjonijiet kriminali l-uffiċjali tal-liġi tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali jaġixxu fl-interess pubbliku, u jfittxu li jiżguraw it-tmexxija u r-riżoluzzjoni xierqa tal-proċedimenti kriminali. Huma jagħmlu dan kemm fil-proċedimenti ewlenin tal-qorti huma stess kif ukoll fil-proċedimenti ta' qabel tal-inkjesta u l-investigazzjoni (li huma sorveljati minn waħda minn żewġ qrati: id-diviżjoni ta' qabel il-proċess (*chambre du conseil/raadkamer*) jew id-diviżjoni tal-akkuża (*chambre des mises en accusation/kamer van inbeschuldigingstelling*)). Fis-seduta huma jitolbu lill-qorti biex tapplika d-dritt kriminali; huma jfittxu wkoll li jiżguraw li jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni xierqa tas-sentenzi mogħtija. Quddiem l-*assise court* (*cour d'assises/hof van assisen*) ir-rwol tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali huwa eżerċitat mill-avukat ġenerali prinċipali fil-qorti tal-appell, li jista', madankollu, jiddelega wkoll lil uffiċjal ieħor.
- Fi kwistjonijiet ċivili l-uffiċċju tal-avukat ġenerali jintervjeni fuq l-inizjattiva tiegħu stess f'ċirkostanzi previsti mil-liġi u kull meta l-politika pubblika teħtieġ hekk. F'kawżi bħal dawn jissottometti parir, bil-miktub jew orali. Għandu jintalab il-parir tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali f'kawżi relatati ma' kwistjonijiet speċifiċi elenkati fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 764 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (*Code judiciaire/Gerechtig Wetboek*). Jista' wkoll jitlob li jkun infurmat b'kawżi oħra, bil-ħsieb li jagħti parir, fejn jiġġudika li dan ikun xieraq, u qorti tista' tressaq kawża għall-attenzjoni tiegħu *ex officio* (l-Artikolu 764 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, it-tieni paragrafu).

Flimkien mal-kompiti ewlenin li għadhom kemm ġew deskritti, l-uffiċċju tal-avukat ġenerali jiżgura wkoll li d-deċiżjonijiet u l-linji gwida relatati mal-politika kriminali jiġu mmonitorjati u applikati kif suppost fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni tiegħu.

Jinħarġu linji gwida tal-politika kriminali mill-Ministru għall-Ġustizzja, wara konsultazzjoni ma' kulleġġ li jikkonsisti mill-avukat ġenerali prinċipali fil-ħames qrati tal-appell (*collège des procureurs généraux/college van procureurs-generaal*).

Dan il-kulleġġ jaqa' taħt l-awtorità tal-Ministru għall-Ġustizzja u jieħu deċiżjonijiet bil-għan li, b'mod ġenerali, ikun hemm konsistenza massima fl-abbozzar u l-koordinazzjoni tal-politika u l-funzjonament xieraq tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali.

Il-ġuriżdizzjoni tal-kulleġġ testendi mal-pajjiż kollu u d-deċiżjonijiet tiegħu jorbtu lill-avukat ġenerali prinċipali fil-qrati tal-appell u lill-membri kollha tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali taħt l-awtorità u d-direzzjoni tagħhom.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fis-sit [web tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali](#).

Imħallfin

Organizzazzjoni

L-istat Belġjan huwa bbażat fuq il-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat, jiġifieri, is-separazzjoni tal-fergħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-gvern. Il-ġudikatura hija indipendenti.

Issir distinzjoni bejn "maġistrati sedenti" (*la magistrature assise/de zittende magistratuur*), li jiddeċiedu fil-kawżi li jiġu quddiemhom, u "maġistrati permanenti" (*la magistrature debout/de staande magistratuur*), l-uffiċjali tal-liġi li jservu fl-uffiċċju tal-avukat ġenerali (ara hawn fuq).

Il-ġudikatura hija magħmula minn qrati u tribunali li jagħtu deċiżjonijiet dwar kawżi legali. Tirrieżamina wkoll il-

legalità tal-atti tal-eżekuttiv.

Ġeneralment, l-imħallfin ġudikanti jissejnhu «*juges/rechters*» fil-qrati inferjuri u «*conseillers/raadsheren*» fil-qrati tal-appell.

Ir-rwol tal-imħallfin ġudikanti huwa li japplikaw il-liġi għal sitwazzjoni jew tilwima mressqa quddiemhom fi kwistjoni ċivili, jew għal persuni li jkunu wettqu reat.

F'xi qrati inferjuri l-imħallfin professjonali jippresjedu s-seduta flimkien ma' mħallfin onorarji. Hemm imħallfin onorarji fil-qrati li ġejjin:

- Il-qorti kummerċjali: imħallfin professjonali u imħallfin onorarji (imsejħa *juges consulaires/consulaire rechters*).
- It-tribunal tax-xogħol: imħallfin professjonali u mħallfin onorarji (imsejħa *juges sociaux/sociale rechters*).
- Il-qorti għall-implimentazzjoni tas-sentenza (*tribunal de l'application des peines/strafuitvoeringsrechtbank*): imħallfin professjonali u mħallfin onorarji (*assesseurs en application des peines/assessoren in straitvoeringszaken*).

L-uffiċċju tal-avukat ġenerali jwettaq missjoni soċjali speċifika fil-ġudikatura li tinkludi kompiti ta' natura ċivili fl-oqsma tal-liġi tax-xogħol, taż-żgħażaġh u kummerċjali, minbarra konformità man-normi tad-dritt kriminali.

Ġestjoni u appoġġ

Kulleġġ tal-qrati u t-tribunali

Il-qrati u t-tribunali huma parti mill-ġudikatura. Fi stat demokratiku rregolat mill-istat tad-dritt, huma jikkontribwixxu għar-riżoluzzjoni jew il-prevenzjoni ta' kunflitti b'mod indipendenti, imparzjali u professjonali, skont il-kompetenzi mogħtija lilhom mil-leġiżlatura. Huma jikkonformaw mar-regoli legali u jużaw ir-riżorsi disponibbli biex jiżguraw l-ogħla standards ta' kwalità.

Il-kulleġġ tal-qrati u t-tribunali (*Collège des cours et tribunaux/College van de hoven en rechtbanken*) jassisti lill-qrati u lit-tribunali fit-twettiq tal-kompitu ewlieni tagħhom billi:

- jitlob ir-riżorsi meħtieġa b'mod trasparenti, professjonali u ġustifikat u jiżgura l-aħjar użu tagħhom;
- jaġixxi bħala kelliem għall-ġestjoni tal-qrati u t-tribunali fir-rigward tal-partijiet ikkonċernati esterni;
- jassisti fil-ġestjoni tal-qrati u t-tribunali.

Kulleġġ tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali

Minbarra l-ħames avukati ġenerali prinċipali, il-kulleġġ tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali (*Collège du ministère public/College van het openbaar ministerie*) huwa magħmul mill-prosekutur federali (*procureur fédéral/federale procureur*), tliet konsulenti tal-avukat ġenerali (*Conseil des procureurs du Roi/Raad van procureurs des Konings*) u konsulent għall-awdituri tax-xogħol (*Conseil des auditeurs du travail/Raad van arbeidsauditeurs*). Flimkien, huma jikkunsidraw kwistjonijiet relatati mal-governanza tajba tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali.

Il-president tal-kulleġġ tal-avukat ġenerali prinċipali huwa wkoll il-president tal-kulleġġ tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali.

L-ewwel, il-kulleġġ tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali jgħin fil-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-politika kriminali kif stabbilit mill-kulleġġ tal-avukat ġenerali prinċipali. It-tieni, jirsisti għal komunikazzjoni tal-ogħla kwalità, ġestjoni tal-għarfien, komputerrizzazzjoni, kejl tat-tagħbija ta' xogħol, proċessi tax-xogħol, statistika u standards strateġiċi tal-immaniġġjar tar-riżorsi umani fl-uffiċċju tal-avukat ġenerali. Fl-aħħar, jipprovdi appoġġ maniġerjali lill-korpi ġudizzjarji, jiġifieri, l-avukat ġenerali prinċipali, l-uffiċċju tal-avukat ġenerali prinċipali fil-qorti tax-xogħol (*auditorats généraux du travail/arbeidsauditoraten*), id-dipartiment tal-avukat ġenerali (*parquets du procureur du Roi/parketten van de procureur des Konings*), l-uffiċċju tal-avukat ġenerali fil-qorti tax-xogħol (*auditorats du travail/arbeidsauditoraten*), u l-uffiċċju tal-prosekutur federali (*parquet fédéral/federaal parket*).

Biex iwettaq dawn il-kompiti, il-kulleġġ tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali jieħu kwalunkwe miżura meħtieġa u jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet u direttivi vinkolanti.

Jiltaqa' darba fil-ġimgħa. Jikkonsulta regolarment mal-Ministeru għall-Ġustizzja.

Opinjoni

Kunsill Konsultattiv tal-Ġudikatura

Il-Kunsill Konsultattiv tal-Ġudikatura (*Conseil consultatif de la magistrature/Adviesraad van de magistratuur*) jirrappreżenta l-ġudikatura quddiem l-awtoritajiet fir-rigward tal-istatus, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet

tal-imħallfin.

Korpi awtonomi u federali tas-sistema ġudizzjarja

Kunsill Għoli tal-Ġustizzja

Reviżjoni u opinjoni

Il-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja (*Conseil supérieur de la Justice/Hoge Raad voor Justitie*) għandu jgħin lis-sistema ġudizzjarja Belġjana taħdem b'mod aktar effettiv billi jkollu rwol ewlieni fl-għażla u l-ħatra tal-imħallfin, billi jwettaq stħarriġ estern ta' kif tiffunzjona, b'mod partikolari permezz ta' verifiki, inkjesti individwali, l-ipproċessar ta' lmenti u l-ħruġ ta' opinjonijiet.

Il-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja huwa indipendenti mill-parlament, il-gvern u l-ġudikatura.

Istitut għat-Taħriġ Ġudizzjarju

Taħriġ

L-Istitut għat-Taħriġ Ġudizzjarju (*Institut de formation judiciaire/Instituut voor Gerechtelijke Opleiding*) huwa korp federali indipendenti responsabbli għall-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' politika ta' żvilupp komprensiv u ta' taħriġ għall-imħallfin u l-persunal tal-ġudikatura, u jikkontribwixxi għal standards għoljin ta' kwalità.

Avukati

Rwol u dmirijiet

L-avukati (*avocats/advocaten*) huma professjonisti tal-liġi u tal-ġustizzja. Huma suġġetti għal regoli ta' kondotta li jggarantixxu l-indipendenza totali tagħhom. Huma marbuta wkoll bis-segretezza professjonali.

L-avukati huma mħarrġa biex jaġixxu f'diversi oqsma tal-liġi li spiss jikkoinċidu (il-liġi tal-kumpaniji, il-liġi amministrattiva, il-liġi dwar l-ippjanar urban, il-liġi fiskali, il-liġi tal-familja, eċċ.). Matul il-karriera tagħhom, l-avukati jistgħu jispeċjalizzaw f'qasam wieħed jew aktar fejn ikunu kisbu kompetenza speċifika.

L-avukati jistgħu jgħinuk mhux biss quddiem il-qorti iżda fi kwalunkwe sitwazzjoni fejn jista' jkollok bżonn assistenza legali, rappreżentant, persuna li tabbozza jew saħansitra appoġġ morali.

Għalhekk, il-missjoni tagħhom hija maqsuma fi tlieta:

- L-avukati jaġħtu pariri
- L-avukati jirrikonċiljaw
- L-avukati jiddefendu.

Kwalunkwe avukat jista' jaġħmel sottomissjonijiet u jirrappreżenta lill-klijent tiegħu fi kwalunkwe qorti fil-pajjiż - il-qorti tal-pulizija, il-qorti tal-maġistrat ċivili (*justice de paix/vrederecht*), il-qorti tal-prim'istanza, il-qorti kummerċjali, it-tribunal tax-xogħol, il-qorti tal-appell, il-qorti tax-xogħol, l-assize court, jew il-Kunsill tal-Istat (*Conseil d'État/Raad van State*) - kif ukoll f'pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea.

L-avukati jipprovdu wkoll assistenza fi proċeduri ta' arbitraġġ jew medjazzjoni, b'soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, jew għal kwalunkwe laqgħa.

Huma ma jaġixxux biss f'każ ta' tilwima. Permezz tal-pariri li jipprovdu, jew il-kuntratti li jabbozzaw jew jadattaw, ħafna drabi jevitaw il-ħtieġa li wieħed jirrikorri l-qorti.

Jistgħu jgħinu wkoll jekk ikollok bżonn tikri jew tixtri proprjetà immobbli, jekk trid twaqqaf kumpanija, jekk qed tissielet mad-dejn, jekk trid tikkonkludi kuntratt ma' impjegatur ġdid, jekk kont vittima ta' inċident jew attakk, jekk tissejjaħ il-qorti jew jekk qed tissepara mis-sieħeb tiegħek.

Avukati għal kulħadd:

Għal nies bi dħul baxx, il-liġi tipprovdi servizz ta' għajjnuna legali (*aide juridique/juridische bijstand*, li qabel kien magħruf bħala "pro deo") u assistenza fl-ispejjeż tal-qorti (*assistance judiciaire/rechtsbijstand*):

Permezz tal-għajnuna legali, is-servizzi ta' avukat isiru disponibbli kompletament jew parzjalment mingħajr ħlas. Din hija sistema b'żewġ livelli:

- Għajnuna legali tal-ewwel linja (*aide juridique de première ligne/eerstelijnsbijstand*) hija disponibbli għal kulħadd, u mhijiex marbuta mad-dħul. L-avukati huma disponibbli fuq "standby" (*permanence/permanentie*) għal konsultazzjonijiet qosra: parir inizjali, talba għal informazzjoni, eċċ. Il-korpi responsabbli għall-għoti tal-għajnuna legali tal-ewwel linja huma magħrufa bħala "kummissjonijiet tal-għajnuna legali" (*Commissions d'Aide Juridique/Commissies voor Juridische Bijstand*).
- Għajnuna legali tat-tieni linja (*aide juridique de deuxième ligne/tweedelijnsbijstand*) hija disponibbli għal persuni li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet finanzjarji jew li jinsabu f'ċerti sitwazzjonijiet. Din l-għajnuna - li tingħata kompletament jew parzjalment mingħajr ħlas skont iċ-ċirkostanzi individwali - tfisser li jinħatar avukat biex jgħinek fi proċedimenti legali jew amministrattivi, biex jagħtik pariri aktar dettaljati, jew saħansitra bħala parti mill-medjazzjoni. Il-korpi responsabbli biex jipprovdu għajnuna legali tat-tieni linja huma magħrufa bħala "uffiċċji tal-għajnuna legali" (*Bureaux d'Aide Juridique/Bureaus voor Juridische Bijstand*).

Assistenza bl-ispejjeż tal-qorti tfisser li t-tariffi mġarrba matul il-proċedimenti - l-ispejjeż tar-reġistru (*droit de greffe/griffierechten* jew *droits d'enregistrement/registratierechten*), it-tariffi pagabbli lill-bailiffs (*huissiers de justice/rechtsdeurwaarders*), lin-nutara (*notaires/notarissen*) jew għar-rapporti tal-esperti - ma jiġux imposti, jew jiġu imposti biss parzjalment. Biex jiksbu għajnuna bl-ispejjeż tal-qorti, il-klijenti għandhom jikkuntattjaw lill-uffiċċju tal-għajnuna legali huma stess jew permezz tal-avukat tagħhom.

Awtoritajiet responsabbli

L-avukati kollha huma membri ta' kamra tal-avukati (*barreau/balie*). Fil-preżent hemm 25 kamra tal-avukati fil-Belġju.

Kamra tal-Avukati li jikkellmu bil-Franċiż u l-Ġermaniż (*Ordre des barreaux francophones et germanophone/Kammer der französischsprachigen und deutschsprachigen Rechtsanwaltschaften (AVOCATS.BE)*) tiġbor flimkien il-kmamar tal-avukati tal-komunitajiet li jikkellmu bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fil-pajjiż (11-il kamra tal-avukati li jikkellmu bil-Franċiż u waħda ta' dawk li jikkellmu bil-Ġermaniż).

Il-Kamra tal-Avukati Fjammingi (*Orde van Vlaamse Balies (OVb)*) tiġbor flimkien il-kmamar tal-avukati tal-komunità li titkellem l-Olandiż tal-pajjiż (13-il kamra tal-avukati).

Informazzjoni dwar il-professjoni ta' avukat tista' tinkiseb billi tikkonsulta s-siti web li ġejjin:

- [Kamra tal-Avukati li jikkellmu bil-Franċiż u bil-Ġermaniż tal-Belġju](#)
- [Kamra tal-Avukati Fjammingi](#)

L-aċċess għal dawn il-bażijiet tad-data huwa mingħajr ħlas.

Nutara

In-nutara huma uffiċjali pubbliċi, maħtura mir-Re, li r-rwol partikolari tagħhom huwa li jawtentikaw strumenti legali eżegwiti quddiemhom. Skont il-liġi, xi strumenti jeħtieġu l-involvement ta' nutar biex jirreġistra ftehim mill-huq bejn il-partijiet ("strumenti awtentiċi", *actes authentiques/authentieke akten*). Għalhekk, pereżempju, l-involvement ta' nutar huwa meħtieġ meta tinbiegħ proprjetà. Minbarra li jfassal atti awtentiċi, nutar jista' jintalab ukoll biex jillikwida proprjetà, biex jagħmel abbozz ta' ftehim privat, biex jagħti parir, eċċ.

L-isfera ta' responsabbiltà tan-nutara tkopri tliet oqsma ewlenin:

- Il-liġi dwar il-proprjetà (bejgħ ta' proprjetà, self, eċċ.),
- Il-liġi tal-familja (kuntratti ta' żwieġ, wirt, divorzju, eċċ.) u
- Il-liġi tan-negozju (reġistrazzjoni ta' kumpaniji, eċċ.).

Hemm Kamra Nazzjonali tan-Nutara (*Chambre nationale des notaires/Nationale Kamer van Notarissen*). L-oġġettivi ewlenin tagħha huma:

- li tirrappreżenta lin-nutara tal-Belġju fin-negozjati mal-awtoritajiet fl-ambitu tal-kompetenza tagħha,

- li tistabbilixxi regoli ta' kondotta professjonali,
- li tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-kmamar tan-nutara biex jgħinu fiż-żamma tad-dixxiplina professjonali.

Il-kmamar provinċjali huma l-korpi dixxiplinarji tal-professjoni: il-kompiti ewlenin tagħhom huma li jiżguraw li r-regoli ta' kondotta professjonali jiġu osservati u li jsolvu tilwim professjonali (fost affarijiet oħra, huma jittrattaw ilmenti). Fir-rigward tal-ilmenti, għe stabbilit ukoll [servizz ta' medjazzjoni nazzjonali](http://www.ombudsnotaire.be) għan-nutara (www.ombudsnotaire.be).

Hemm ukoll il-Federazzjoni Rjali tan-Nutara Belġjani (*Fédération Royale du Notariat Belge (Fednot)/Koninklijke Federatie van het Belgisch Notariaat (Fednot)*). Fednot hija assoċjazzjoni professjonali li tassisti lin-nutara billi tipprowdi opinjonijiet legali, pariri u rakkomandazzjonijiet dwar il-ġestjoni ta' uffiċċji tan-nutara, soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-informatika, taħriġ u komunikazzjoni mal-pubbliku. Hemm 1 150 uffiċċju tan-nutara fin-network Fednot, li jinkludi 1 550 nutar u 8 000 assoċjat.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fis-sit [web tal-Federazzjoni Rjali tan-Nutara Belġjani](#).

Professjonijiet legali oħra

Bailiffs

Il-bailiffs huma uffiċjali legali pubbliċi li joperaw bħala prattikanti ta' professjoni għal rashom. Fi kliem ieħor, għandhom identità professjonali doppja: minn naħa, huma uffiċjali pubbliċi; min-naħa l-oħra, jipprattikaw il-professjoni tagħhom b'mod indipendenti.

Huma uffiċjali legali pubbliċi minħabba li l-Istat iddelega lilhom sehem mill-awtorità uffiċjali. Għal dik ir-raġuni, ma jistgħux jirrifjutaw li jwieġbu għal talba biex jaġixxu, sakemm il-kodiċi ta' kondotta professjonali tagħhom jew il-liġi ma jippermettux, pereżempju jekk ikun hemm kunflitt ta' interess jew jekk it-talba tkun illegali. Huma qatt ma jaġixxu fuq l-inizjattiva tagħhom stess, iżda dejjem fuq talba ta' xi ħadd li jkun tahom struzzjonijiet formali. F'kull wieħed mill-kompiti li jwettqu għandhom jaderixxu ma' diversi rekwiżiti legali. Huma jstgħu jitolbu fl-as għall-atti li jwettqu, biex ikopru parti mill-ispejjeż tagħhom jew l-ispejjeż kollha.

Bħala professjonisti li jaħdmu għal rashom, il-bailiffs jaġixxu b'mod indipendenti u imparzjali. L-esperjenza professjonali tagħhom hija disponibbli għal kulħadd. Ma jirċievu l-ebda salarju, kumpens jew emolument ieħor mill-awtoritajiet. Iridu jħallsu għal kollox huma stess.

Il-passi li jista' jkollu jieħu bailiff jaqgħu f'żewġ kategoriji wesgħin: miżuri "barra mill-qorti" (*interventions extrajudiciaires/buitengerechtelijke tussenkomsten*, bħall-irkupru barra mill-qorti ta' djun jew sejbiet uffiċjali ta' fatti) u miżuri "tal-qorti" (*interventions judiciaires/gerechtelijke tussenkomsten*, jiġifieri n-notifika jew l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni). Meta l-bailiff ikun qed jieħu pass minn dawn, ta' spiss ikollu d-dmir li jagħtik informazzjoni dwar kif tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek, u li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar ir-rwol tal-bailiff, irrispettivament minn jekk tlabtx lill-bailiff biex jaġixxi, jew jekk il-pass meħud mill-bailiff huwiex indirizzat lilek.

F'kull distrett ġudizzjarju hemm assoċjazzjoni (*chambre/kamer*) tal-bailiffs kollha fid-distrett. Il-kompiti ewlenin tagħha huma li tiżgura li l-bailiffs fid-distrett josservaw ir-regoli tad-dixxiplina professjonali u l-liġijiet u r-regolamenti li jikkonċernawhom, u li ssolvi t-tilwim li jista' jinqala' bejniethom.

Hemm ukoll Assoċjazzjoni Nazzjonali Belġjana tal-Bailiffs (*Chambre nationale des huissiers de justice de Belgique/Nationale Kamer van Gerechtsdeurwaarders van België*), li l-objettivi ewlenin tagħha huma:

- li tiżgura l-uniformità tad-dixxiplina u r-regoli ta' kondotta professjonali fost il-bailiffs,
- li tiddefendi l-interessi tal-membri tagħha, u
- li tirrapreżentahom.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fis-sit [web tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali Belġjana tal-Bailiffs](#).

Oħrajn

L-imħallfin u l-uffiċjali tal-liġi tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali huma assistiti minn firxa ta' professjonisti amministrattivi u legali, bħal: reġistraturi, segretarji legali, avukati, segretarji u persunal amministrattiv.

F'kull seduta l-imħallef huwa assistit minn reġistratur (*greffier/griffier*). Ir-reġistratur iwitti t-triq għax-xogħol tal-imħallef, pereżempju billi jħejji l-fajls meħtieġa għas-smiġħ. Waqt is-smiġħ ir-reġistratur jirrekordja l-proċedimenti u jiżgura li d-dokumenti kollha meħtieġa jitħejjew sewwa. Ir-reġistratur iwettaq u jikkoordina l-kompiti tar-reġistru tal-qorti (*greffe/griffie*). Kull qorti għandha reġistru, immexxi minn kap skrivan jew reġistratur (*greffier en chef/hoofdgriffier*). Hemm reġistratur wieħed jew aktar f'reġistru, skont id-daqs tal-qorti. Min-naħa tagħhom, ir-reġistraturi tal-qorti jistgħu jkunu assistiti minn persunal amministrattiv.

Is-segretarji legali (*référéndaires/referendarissen*) huma avukati li jgħinu lill-imħallfin fit-tfassil tas-sentenzi tagħhom. Huma jgħinu fit-trattament tal-kawżi, fuq l-istruzzjonijiet u taħt ir-responsabbiltà ta' imħallef wieħed jew aktar. Huma jistudjaw il-fajl, jeżaminaw il-mistoqsijiet legali mqajma, u jfasslu s-sentenzi.

L-uffiċjali tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali jistgħu wkoll jimpjegaw avukati biex iħejju l-aspetti legali tal-kawżi tagħhom. Dawn l-avukati huma magħrufa bħala *juristes du parquet/parketjuristen*. Huma jwettqu riċerka legali, jimmaniġġjaw investigazzjonijiet, jew iħejju l-aspetti legali ta' taħrikiet u sottomissjonijiet, fuq l-istruzzjonijiet u taħt ir-responsabbiltà ta' uffiċjal tal-liġi wieħed jew aktar tal-uffiċċju tal-avukat ġenerali.

Kull uffiċċju tal-avukat ġenerali għandu segretarjat immexxi minn kap segretarju. Dawn is-segretarji jgħinu lill-uffiċjali tal-liġi fix-xogħol ta' riċerka u dokumentazzjoni u fil-kumpilazzjoni ta' fajls. Huma jżommu d-dokumenti u r-reġistri tal-uffiċċju aġġornati, iżommu r-rekords, eċċ. L-għadd ta' segretarji jiddependi mid-daqs tal-uffiċċju. Is-segretarji jistgħu jkunu assistiti wkoll minn persunal amministrattiv.

Ir-reġistri tal-qorti u l-uffiċċji tal-avukati ġenerali jimpjegaw għadd kbir ta' persunal amministrattiv. Il-persunal amministrattiv jiġġestixxi l-fajls dwar il-kawżi li qed jiġu ttrattati u d-*data* mdaħħla fil-bażijiet tad-*data*. Persunal amministrattiv ieħor jieħu ħsieb il-posta u l-iffajljar, u jirċievi viżitaturi fl-uffiċċju.

Aktar informazzjoni dwar dawn il-professjonijiet tinsab f'[dan id-dokument](#)  (378 Kb) .

Organizzazzjonijiet li jipprovdu konsulenza ġuridika mingħajr ħlas

Iċ-ċittadini kollha jistgħu jiksbu konsulenza ġuridika inizjali mingħajr ħlas, mogħti minn professjonisti tal-liġi. Dan huwa magħruf bħala għajjuna legali tal-ewwel linja (ara hawn fuq):

- tagħrif prattiku,
- informazzjoni legali,
- opinjoni legali inizjali, jew
- referenza lil organizzazzjoni speċjalizzata.

Hawnhekk il-kwistjoni ma tiġix solvuta immedjatament, iżda tingħata gwida inizjali. Aggregazzjonijiet ta' avukati huma disponibbli fuq "standby" fil-qrati, fiċ-ċentri tal-liġi tal-komunità (*maisons de justice/justitieuizen*), f'xi uffiċċji municiċjali (*administrations communales/gemeentelijke diensten*), fil-biċċa l-kbira taċ-ċentri pubbliċi tal-għajjuna soċjali (*centres publiques d'action sociale/openbare centra voor maatschappelijk welzijn*), u f'diversi assoċjazzjonijiet li jipprovdu servizz legali.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fil-fuljett online: [Għajjuna legali: Aċċess aħjar għall-Ġustizzja](#).

Bażijiet tad-*data* legali

Informazzjoni hija disponibbli fuq is-[sit web tas-Servizz Pubbliku Federali għall-Ġustizzja](#) (Ministeru għall-Ġustizzja).

L-aħħar aġġornament: 28/07/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.